# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Gordon Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Schembri u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 207386M.

Akkuzat talli

1. Fl-1 ta' Ottubru, 2005 ghal habta ta' 22:15 ta' filghaxija gewwa triq ix-Xatt, Gzira u gewwa dawn il-Gzejjer seraq mobile tal-marka Samsung ta' valur li jaqbez il-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin (LM 1000) ghad-dannu ta' Lisa Cathrina Aping, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 267, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fit-02 ta' Ottubru, 2005 u fil-granet ta' qabel xjentement xtara jew laqgha ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'hekk jitqies recidiv b'sentenza datata 02 ta' Ottubru, 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr J. Cassar LL.D liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tinbidel kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti b'sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru, 2003.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur ikddikjara li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentment pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjoni dwar serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat, l-fedina penali tieghu kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267 u

270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**